27 ta' Jannar, 1947.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Imhallef:**

**Il-Pulizija** *versus* **Clotilde Farrugia**

**Demenza — Prostituzzjoni — Preskrizzjoni — Sospensjoni.**

*Il-miri tal-preskrizzjoni huwa sospiż sakemm tiġi definita l-kwistjoni tad-demenza ta' l-imputat li jkun eċċepixxa dik il-preskrizzjoni.*

*Każ fejn l-imputata ġiet ritenuta dementi mill-Qorti, li rriteniet illi l-insensibilità morali ta' l-imputata ma kienetx minnha kontrollabili, għax kienet tiddependi minn lakuna serja u gravi fl-isfera tas-sentimenti etiko-morali tagħha. Huwa magħruf, qalet il-Qorti, kemm il-defiċjenza mentali hija assoċjata mal-prostituzzjoni.*

B'deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Awissu 1946, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, in segwitu għall-imputazzjoni kontra l-imsemmija Farrugia, ta' storbju bl-għajjat, kliem mhux xieraq, u insulti u theddid serju lil ommha Adelina Simpson, u fuq eċċezzjoni sollevata mill-Pulizija prosekutriċi, wara li adottat il-konklużjonijiet tar-rapport taż-żewġ periti psikjatri minnha adoperati, li rritenew lill-imputata ma hux ġuridikament responsabbli, la fil-mument tal-fatt u lanqas fil-waqt tal-ġudizzju, iddekretat u ordnat illi l-istess Clotilde Farrugia tiġi miżmuma taħt kustodja rigoruża fl-Isptar tal-Marid tal-Moħħ, u li b'dana l-ordni jiġi bla telf ta' żmien imgħarraf l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur;

Kontra din id-deċiżjoni għamlet appell l-imputata, u talbet li tiġi revokata, u jiġi deċiż illi hija, la fil-mument tal-fatt u lanqas fil-waqt tal-ġudizzju, ma kienet jew hija dementi;

B'digriet tal-25 ta' Novembru 1946, l-Imħallef sedenti.............., irrimetta l-proċess lill-periti mediċi sabiex jirrispondu, b'relazzjoni supplementari, għal diversi kwe-ziti li ppropponietilhom il-Qorti..........;

Wara li reġgħet semgħet l-argumenti ulterjuri tad-difiża in segwitu għal din it-tieni relazzjoni, din il-Qorti kkunsidrat;

Kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li hemm finnota tad-difiża fuq imsemmija, ma jidherx li d-difensur Dr. Flores baqa' jinsisti fuq dina l-eċċezzjoni.............. Fi kwalunkwe każ, l-eċċezzjoni ma tistax tkun sostenibbli, għaliex il-mixi tal-preskrizzjoni hu sospiż sakemm tiġi definita l-kwistjoni tad-demenza (ara deċiż. "Pulizija vs. Bigeni" 16 ta' Diċembru 1946);

Kwantu għall-pont tad-demenza, l-Imħallef sedenti hass li għandu jagħmel lill-periti aljenisti l-kwistjonarju fol. 85, għaliex żamm quddiem għajnejh dak li josserva William Brend fil-ktieb tiegħu "A Handbook of Medical Jurisprudence and Toxicology", illi hu diffiċli tiddiskrimina bejn defiċjenza mentali, f'każ bħal dan, u "excessive depravity"; u li "the line between the two is often very difficult, if not impossible, to draw." Kompla jgħid dak l-awtur illi "The treatment of border-line cases, which are partially wicked and partially insane, is one of the great problems in the administration of criminal law";

Wara li eżamina l-inkartament kollu bir-reqqa, l-Imħallef sedenti jidhirlu illi, partikolarment bir-relazzjoni supplementari, hu ġie mwassal għall-konvinzjoni illi l-fehma tattobba għandha tiġi adottata. Milli jidher, l-insensibilità morali tal-perizjanda ma hijiex minnha kontrollabbli, għaliex tiddependi minn lakuna serja u gravi fl-isfera tas-sentimenti etiko-morali tagħha. L-istruttura psikika tagħha hi difettuża, bi sfond deġenerattiv, u l-"moral defectiveness" tagħha tikkostitwixxi forma klinika ta' defiċjenza mentali;

Hu magħruf kemm id-defiċjenza hi assoċjata mal-prostituzzjoni. Fuq dan il-pont huma interessanti l-investigazzjonijiet imsemmijin fil-ktieb "The Measurement of Intelligence" ta' Lewis Terman, fejn "inter alia" tissemma l-indaġini magħmula minn Dr. Anna Dwyer, li fiha rriżulta li

minn 564 mara, dediti għall-prostituzzjoni, nofshom jew aktar kienu mentalment defiċjenti;

Il-Qorti ma ssibx motivi biex ma tadottax il-konklużjonijiet tal-periti, partikolarment kif elaborati fit-tieni relazzjoni tagħhom in segwitu għall-kweżiti lilhom magħmula mill-Qorti;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, kompriża l-kommunika, skond il-liġi, lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur.